MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 328/2011

Kawza fil-lista: 14

**Q T K**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti V F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li fis-6 ta' Settembru 2004 huwa kkuntrattat zwieg civili mal-konvenuta assenti; li l-kunsens matrimonjali tal-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] filwaqt li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] kif ukoll il-kunsens kien vizzjat ai

termini tal-paragrafi [a] u [b] ta’ l-artikolu 19 [1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghaldaqstant qed jitlob li z-zwieg de quo jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi; Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew li ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u rriservaw d-dritt li jressqu twegiba ohra aktar `il quddiem;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-6 ta’ Settembru 2004 huwa null fil-ligi fit-termini ta’ dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta assenti ma prezentatx risposta fuq il-meritu.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizultaw mhux kontaddetti s-segwenti fatti.

Illi fis-6 ta’ Settembru 2004 l-attur, ta nazzjonalita` Ingliza, li allura kellu 22 sena izzewweg lill-konvenuta, cittadin Russa ta’ 25 sena, wara li kienet ilha tafu madwar sebgha [7] xhur. L-ebda tfal ma twieldu minn dan iz-zwieg. Il-partijiet iltaqghu fil-*bar* fejn l-attur kien jahdem *part-time* meta l-konvenuta kienet tinsab Malta sabiex titghallem l-Ingliz m’ohtha.

Illi l-konvenuta kienet f’konflitt ma’ missierha li kien ir-Russja peress li dan riedha tmur lura halli tibda tahdem fin-negozju tieghu gewwa r-Russja stess pero hija ma riedetx. Wara biss ftit xhur li l-partijiet kienubdew johorgu flimkien, l-attur innota dan il-konflitt u ftit wara l-konvenuta ssuggeriet li huma jizzewgu. L-attur kien konxju li jekk

huma ma kienux ser jizzewgu l-konvenuta kellha terga' tirritorna lura f'pajjizha u l-probabbilta` kienet li ma tithalliex terga tigi lura Malta peress li missierha ried li tahdem fin-negozju fir-Russja.

Il-partijiet izzewgu b'mod informali hafna u minghajr ic-celebrazzjonijiet soliti li huma assoccjati maz-zwieg. Familjari prezenti kien hemm biss oht il-konvenuta peress li dan sar qabel ir-ritorn taghha fir-Russja.

Sussegwentement ghal dan iz-zwieg il-partijiet it-tnejn bdew juru sintomi ta skuntentezza, u l-konvenuta sahhansitra marret ghand tabib sabiex tivverifika jekk ghandhiex dipressjoni, filwaqt li l-attur beda jixrob minhabba s-sitwazzjoni tar-relazzjoni li kien fiha. Inoltre, l-l-attrici ghamlet kwazi xahar ezatt wara z-zwieg tghix fl-appartament m'ohta minflokk ma marret tghix flimkien ma' zewgha.

Illi l-konvenuta telqet ghar-Russja f'Dicembru 2004 u cjoe ftit xhur biss wara li l-partijiet izzewgu u ma regghetx irritornat lura Malta. L-attur ma rrnexxielux jaghmel kuntatt aktar maghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta manifestament li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta kien inkapaci li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Ghaldaqstant, fil-fehema ta' din il-Qorti, f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenuta il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat minnu mal-konvenuta fis-6 ta’ Settembru 2004.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------